MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1104/2002/1

**Grazio Pullicino**

**Vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm245.98), hlas ta' danni li saru fuq il-vettura Austin metro bin-numru IAO 606 propjeta ta' l-attur, fl-incident tat-traffiku li sehh bejn l-imsemmija vettura u dik tal-konvenut Tata Indica CHR 109, minnu misjuqa liema incident sehh fil-25 ta' April 2001 u ghal liema jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident. Min-naha tieghu l-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali li permezz taghha talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm301.53) ghad-danni li sofra f'dan l-incident fuq il-vettura tieghu.

Permezz ta' risposta pprezentata fil-21 ta' Gunju 2001, l-attur ikkontesta t-talba rikovenzjonali (fol. 16).

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti rilevanti huma:-

(a) Fil-25 ta' April 2001 sehh incident tat-traffiku fi Triq il-Barrani, Zejtun.

(b) Il-vetturi nvoluti f'dan l-incident kienu Austin Metro (IAO 606) msijuqa mill-attur u l-vettura Tata Indica CHR 109 misjuqa mill-konvenut.

(c) Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti dwar kif sehh dan l-incident. L-attur xehed:- *"il-konvenut gie mix-xellug tieghi, qasam quddiemi, u hadni fuq quddiem"* (fol. 20). Min-naha tieghu l-konvenut xehed:- *"bdejt naghfas il-break biex nibda nisslowja bil-mod, u dak il-mument kienet ix-xita, f'hin fil-pront naqla daqqa fuq wara . Bid-daqqa li qlajt it-tifel li kelli fuq wara, gie fuq quddiem, u kellna niehdu t-tifel il-polyclinic"* (fol. 25).

(d) Skond id-dikjarazzjoni li mtliet mill-kontendenti wara li sehh l-incident (fol. 7), jinghad li:

- Il-hsara fuq il-vettura Austin Metro IAO 606 kienet fil-Bonnet, mudguard, fanal, bumper, windscreen, bieba tax-xellug. Fis-*survey report* (fol. 30) li

sar fuq din il-vettura, ma tissemma l-ebda hsara fuq il-bieba.

 Il-hsara fil-vettura Tata Indica CHR 109 kienet fil-mudguard, bumper, fanal, ir-rota, bagoll. Fis-*survey report* li sar fuq din il-vettura (fol. 31), ma tissemma l-ebda hsara fuq ir-rota izda fuq *rear mudshield*.

2. Il-provi li ressqu l-partijiet huma skarsi hafna u m'humiex tali li jistghu jwasslu lit-Tribunal ghal konkluzjoni ta' min minnhom huwa responsabbli ghall-incident. Hekk per ezempju l-partijiet naqsu milli jressqu ritratti tal-hsarat li garrbu l-vetturi. Zgur li dawn kienu jkunu ta' ghajnuna sabiex jigi stabbilit min minnhom kien qieghed ighid is-sewwa. Bl-istess mod fil-formola li mtliet mis-sewwieqa (fol. 7), il-parti numru 13 hija vojta. Din il-parti ghandha sservi bhala deskrizzjoni tal-pjanta ta' l-incident. It-Tribunal m'huwiex ser joqghod jipprezumi ta' x'seta' gara. Il-fatt per ezempju li l-vettura Tata Indica CHR 109 kellha l-hsara fuq il-*mud guard* ta' wara ma jfissirx li l-incident ma sehhx bil-mod kif iddeskriva l-konvenut. Mill-provi ma rrizultax liema parti tal-*mudguard* gie ddanneggjat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jichad it-talba ta' l-attur u t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut peress li hadd minnhom ma rnexxielu jressaq provi sodisfacenti li juru li t-tort ta' l-incident kien tal-parti l-ohra.

Kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez rispettivi taghha.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**.

--------------------------------TMIEM--------------------------------